# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.2**

Niddentifikaw aspetti li nbidlu u oħrajn li baqgħu l-istess fil-bliet il-qodma tal-Gżejjer Maltin

## A. L-Ibliet Qodma tal-Gżejjer Maltin

Jifhmu dak li tbiddel u dak li baqa' l-istess f'dawn il-bliet; jifhmu li, minkejja t-tibdil li sar matul iż-żmien, il-karatteristiċi prinċipali bħas-swar u t-toroq dojoq li jgħaqqduhom baqgħu l-istess.

### L-Imdina – Iċ-Ċittadella

1. Huma mibnija fiċ-ċentru tal-gżejjer u fl-ogħla post.
2. Illum joqogħdu ftit nies fihom.
3. Ġarrbu l-istess attakki.
4. Kull katidral għandu l-isqof u l-mużew tiegħu.



### L-Imdina – Il-Birgu – Iċ-Ċittadella

1. Huma bliet antiki ħafna.
2. Kollha ġarrbu ħafna ħsarat bl-attakki.
3. It-toroq tagħhom huma dojoq.
4. Fihom palazzi kbar.
5. Lorenzo Gafà ddisinja l-pjanti tal-katidrali jew knisja tagħhom.
6. Huma bliet iffortifikati bi swar għoljin.

## Differenzi bejn l-Ibliet il-Qodma

### L-Imdina

1. Il-katidral iddedikat lil San Pawl.
2. Għandu koppla għolja.
3. L-Imdina hija belt.

### Iċ-Ċittadella

1. Il-Katidral iddedikat lil Santa Marija.
2. M'għandux koppla.
3. Din hi parti mill-belt tar-Rabat.

### Il-Birgu

1. Huwa peniżola fil-Port il-Kbir, mhux fil-qalba tal-belt.
2. Il-Kavallieri bnew il-bereġ tagħhom fil-Birgu u mhux fl-Imdina.
3. Il-Birgu m'għandux Katidral.

## B. Niktbu Kapxin

Bl-użu ta' mapep tal-pożizzjoni strateġika tal-Birgu, l-Imdina u taċ-Ċittadella, u materjal ieħor qabbel dawn l-ibliet antiki ma' xulxin. Ħares lejn dak li hu simili u dak li hu differenti.

Tista' tiffoka fuq xi wħud minn dawn post fejn huma mibnija, fortifikazzjonijiet, swar, fosos, kobor, katidrali, toroq, pjazez, mużewijiet bini imwaqqà u attrazzjonijiet għat-turisti.



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## Ċ. Ikteb VERU jew FALZ ħdejn dawn is-sentenzi dwar IL-BIRGU.

| | VERU / FALZ |
|---|---|
| 1. Il-Kastell Sant' Anġlu mhux minn dejjem kien mibni fil-ponta tal-Birgu. | |
| 2. Il-Birgu huwa mibni fuq peniżola. | |
| 3. Il-Birgu llum huwa l-belt kapitali ta' Malta. | |
| 4. Il-Kavallieri dawru lill-Birgu kollu bis-swar. | |
| 5. Il-Birgu huwa magħruf ukoll bħala Città Vittoriosa. | |
| 6. Fil-Birgu nsibu ħafna toroq wisgħin. | |
| 7. Il-bereġ li bnew il-Kavallieri fil-Birgu għadna nistgħu narawhom sal-lum. | |
| 8. Fil-Birgu nsibu knisja iddedikata lil San Lawrenz. | |

## D. Wieġeb dwar iċ-Ċittadella

Iċ-Ċittadella nbniet biex l-Għawdxin ikollhom protezzjoni mill-pirati tal-baħar. Sib **tliet** affarijiet li għadhom jidhru sal-lum u li juru biċ-ċar li dan huwa minnu.

1. ____________________________________________

____________________________________________

2. ______________________________

______________________________

______________________________



3. ______________________________

______________________________

______________________________

## E. Wieġeb dwar IL-BLIET QODMA TAL-GŻEJJER MALTIN.



Meta nsemmu l-Bliet Qodma tal-Gżejjer Maltin, inkunu qed nifhmu l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.

1. Semmi xi ħaġa illi t-tlett ibliet qodma tal-Gżejjer Maltin kellhom fi żmien il-Kavallieri u għadha tidher sal-lum.

___________________________________________________________

2. Semmi xi ħaġa li minn dejjem konna nistgħu nsibuha fl-Imdina u fiċ-Ċittadella imma ma nsibuhiex fil-Birgu.

___________________________________________________________

## F. Inqablu l-Passat mal-Preżent

Semmi xi ħaġa li tara llum:

1. fiċ-Ċittadella, li fi żmien il-Kavallieri ma kinitx hemm: _____________
2. fl-Imdina, li fi żmien il-Kavallieri ma kinitx hemm: _____________
3. fil-Birgu, li fi żmien il-Kavallieri ma kinitx hemm. _____________

**Ikteb L-ISTESS jew INBIDLET maġenb kull waħda minn dawn**

1. It-turisti jduru l-Imdina bil-karozzin _____________
2. Il-foss mad-dawra tal-Imdina _____________
3. Il-Katidral taċ-Ċittadella mingħajr koppla _____________
4. It-toroq dojoq tal-Collachio fil-Birgu _____________
5. Bosta ristoranti fl-Imdina _____________

## Ġ. L-IMDINA

L-Imdina taż-żminijiet medjevali ma kinitx kollha l-istess bħalma nistgħu narawha llum. Xi affarijiet **inbidlu** filwaqt li oħrajn **baqgħu l-istess**.

Immarka bis-sinjal **X** jekk dawn li ġejjin baqgħux l-istess jew inbidlu.

| | L-ISTESS | INBIDLET |
|---|---|---|
| 1. *Belt kapitali ta' Malta* | | X |
| 2. toroq dojoq | | |
| 3. imdawra bis-swar | | |
| 4. jiltaqa' l-Kunsill Popolari li kien il-Gvern ta' Malta | | |
| 5. insibu l-Katidral | | |
| 6. iżuruha ħafna turisti | | |

## G. Aqra u aħseb fuq dan li ġej, imbagħad wieġeb.

L-ewwel stampa turina mudell tal-katidral l-antik tal-Imdina. Il-mudell nistgħu narawh fil-Mużew tal-Katidral. Dan il-katidral l-antik ġratlu ħsara kbira b'terremot fis-sena 1693. Wara t-terremot, il-perit Lorenzo Gafà iddisinja l-katidral il-ġdid li għadna nistgħu naraw sal-lum.



### Innota dan li ġej:

1. **Il-katidral ta' Malta qiegħed l-Imdina** – DIN HIJA XI ĦAĠA LI BAQGĦET L-ISTESS, KEMM QABEL KIF UKOLL WARA T-TERREMOT.



2. **Minflok il-katidral il-qadim, inbena wieħed ġdid wara li l-antik saritlu ħsara kbira b'terremont.** DIN HIJA BIDLA LI SARET MINĦABBA TERREMOT.

**Wieġeb. Semmi xi ħaġa oħra li tista' ġġib BIDLA magħha f'xi waħda mill-ibliet il-qodma.**

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## GĦ. Niktbu Ftit.




Ħabib tiegħek li jgħix barra minn Malta ġej Malta għall-ewwel darba fil-vaganzi tas-Sajf.

Iktiblu **ittra elettronika** fejn tgħidlu li se tieħdu jara l-IBLIET IL-QODMA tal-gżejjer Maltin. Spjegalu għalfejn se tieħdu hemm u x'se turih.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________